

NEWSPAPER POST

# Il-Belt Victoria

*Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ • Għawdex*

*Jannar - Frar 2003* *Nru 130*



## Messaġġ minn Monsinjur Ġużeppi Farrugia

Arċipriet tal-Bażilika ta' San Ġorġ

# *FESTI ĊENTINARJI ĠORĠJANI*

Il-festi ċentinarji Ġorġjani, li ilna nistennewhom u nħejju għalihom, issa waslu u qegħdin magħna. Dawn il-festi mhumiex għajr "mumenti speċjali" f'din is-sena ċentinarja li tajna bidu għaliha bħala *sena ta' talb* fil-lejl ta' l-Ewwel tas-Sena, bħala *sena ta' liturġija* fis-solennità tal-Manifestazzjoni tal-Mulej, bħala *sena ta' ħidma pastorali speċjali* fil-Festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej, u bħala *sena ta' kultura Nisranija* fil-21 ta' Frar, Tifkira ta' San Pietru Damjani, awtur tal-kliem li jitkanta fl-antifonata' San Ġorġ.

Bħalissa qedisirul-aħħajr tħejjijiet biex jiġu definiti l-programmi festivi ta' April u ta' Lulju, kif ukoll tax-xhur ta' bejniethom. Qed isiru tħejjijiet oħrajn għal attivitajiet li se jsiru kemm fix-

*ikompli f'paġna 3*

# RANDAN 2003

## *Korsijiet ta' Eżerċizzi fil-Bażilika*

■ **Għall-Koppji Miżżewġa**
**Mit-Tnejn 10 ta' Marzu sal-Ġimgħa 14 ta' Marzu**
Fis-7.00pm
*Predikatur:* Fr. Martin Cilia MSSP

■ **Għaż-Żgħażagħ**
**Mit-Tnejn 17 ta' Marzu sal Ġimgħa 21 ta' Marzu**
Fis-7.30pm
*Predikatur:* Fr. Marcello Ghirlando OFM

■ **Għal Kulħadd**
**Mit-Tnejn 24 ta' Marzu sal-Ġimgħa 28 ta' Marzu**
Fis-7.00pm
*Predikatur:* Fr. Klement Azzopardi OCD

■ **Għat-Tfal**
**Mit-Tnejn 7 ta' April**
Fl-4.30pm
*Predikatur:* Dun Ġużepp Gauci



***Ġesù qiegħed isajjaħlek.... iftaħ qalbek għall-kelma tiegħu.***

IL-BELT VICTORIA

Rivista ta' kull Xahrejn



Uffiċċju Editorjali: Ċentru Parrokkjali San Ġorġ
Triq il-Karità, Victoria, Għawdex.
Tel: 21 55 63 77 • Fax: 21 55 69 81
email: info@stgeorge.org.mt
web: www.stgeorge.org.mt • radio: 104MHz FM

**MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITÀ PARROKKJALI**

***22.12.02:* GEORGE,**
iben Joseph Attard u Michelle neè Zammit
***16.01.03:* MARTINA,**
bint Ruben Galea u Denise neè Cremona
***04.02.03:* MARI GEORGETTE,**
bint Michael Mizzi u Maria neè Vella
***15.02.03:* TARA JADE,**
bint Martin Xuereb u Ruth neè Schembri

**MARRU JINGĦAQDU MA' KRISTU RXUXTAT**

05.01.03: **Ġużeppi Xerri**
26.01.03: **Francesco Sultana**
28.01.03: **Carmen Zammit**
31.01.03: **Maria Aquilina**
08.02.03: **Rita Xerri**

***Donozzjonijiet għar-Rivista*** *Grazzi*
Anton Pace USA: Lm5
Anthony Mercieca: 20 US$




**Mit-Tnejn 4 sas-Sibt 9 t'Awissu 2003**

**Min hu interessat għandu jikkuntatja l-Uffiċċju Parrokkjali jew ikellem lil Mons Salv Borg**

# Editorjal



## SENA ĊENTINARJA

Is-sena 2003 ser tkun is-sena li matulha ser infakkru is-17-il mitt sena mill-martirju tal-patrun tagħna u ta' Għawdex, San Ġorġ Megalomartri.

Ħafna forsi jaħsbu li dan iċ-ċentinarju ser jitfakkar biss b'festi speċjali li jtiru mar-riħ hekk kif jgħaddu. Dan mhux ser ikun il-każ. Infatti jekk wieħed jara x'inhu jiġri fil-parroċċa tagħna malajr jinduna li dan iċ-ċentinarju mhux ser jieħu biss forma ta' festa popolari bħas-soltu jew ikbar mis-soltu, imma ser ikun ukoll akkumpanjat minn ħidma pastorali kontinwa biex il-komunità parrokkjali tagħna tibbenefika bil-kbir u jkun hemm qawmien spiritwali awtentiku fost il-membri tagħha.

Minn meta tħabbru sollennement dawn il-festi ċentinarji nhar l-Epifanija, wieħed ma setax ma jindunax li fil-quddies kollu ta' kuljum waħda mill-invokazzjonijiet tat-Talba tal-Fidili qed tkun marbuta maċ-ċelebrazzjonijiet li aħna qed nagħmlu f'din is-sena. Barra minn hemm kull nhar ta' Ħamis fil-għaxija qed tkun iċċelebrata quddiesa speċjali b'omelija dwar San Ġorġ. Inbeda ukoll programm intensiv ta' żjajjar fil-familji tagħna, li fiż-żmien ta' illum huma fil-ħtieġa li jkollhom l-għajnuna u l-protezzjoni ta' San Ġorġ biex ikunu jistgħu jgħelbu d-diffikultajiet tal-ħajja moderna.

Matul dan iż-żmien Mons Arċipriet qiegħed ukoll għaddej bit-tberik tal-familji filwaqt li kull familja tingħata xemgħa bħala tifkira ta' dan iċ-ċentinarju. Din il-laqgħa ta' kull familja mal-mexxej spiritwali tal-Komunita' Parrokkjali tagħna żgur li ser tgħin bil-bosta biex joħroġ il-ġid spiritwali mixtieq miċ-ċelebrazzjonji ta' dan iċ-ċentinarju.

Qed ukoll isiru tħejjiet kbar biex il-festi li ser isiru kemm f'April kif ukoll f'Lulju ta' din is-sena jkollhom tifsira speċjali għalina lkoll. Dalwaqt jitħabbar il-programm ta' dan kollu li ser isir f'April li ġej u ninsabu konvinti li l-Komunita' Parrokkjali tagħna ser tingabar bi ħġara biex tiċċelebra dan l-avveniment tant importanti u li ser iservi ta' għodda biex ilkoll kemm aħna niġġeddu spiritwalment u bħal San Ġorġ inkunu kapaċi naffrontaw il-mewġ u l-ħalel tal-ħajja li llum qed jagħmlu tant ħsara f'kull qasam tas-soċjetà.

Għalhekk, filwaqt li kull wieħed u waħda minnha għandna nimpenjaw ruħna biex niċċelebraw kif jixraq dan iċ-ċentinarju Ġorġjan, nagħmlu ħilitna biex niġġeddu spiritwalment ħalli nkunu denji nifirħu b'San Ġorġ il-Patrun tagħna u ta' għżiritna.

jaqbad mill-paġna ta' quddiem

# FESTI ĊENTINARJI ĠORĠJANI

xhur ta' bejniethom kif ukoll fil-bqija taż-żmien festiv li jwassalsa' April 2004. Diġa' tajt dettalji dwar dawn l-attivitajiet. Dettalji oħra joħorġu aktar'il quddiem.

## It-Tberik tal-Familji

Bħalissa jiena impenjat ħafna fit-tberik tal-familji. Bdejtu 'l għada tal-Kandlora, u jekk Alla jrid, nispiċċah daqs ġimgħatejn oħra. It-tberik tal-familji joffri okkażjoni sabiex, anki jekk għal ftit minuti, niltaqa' mal-membri ta' dawk il-familji li jogħġobhom jilqgħuni, u, skond il-każ li jkun, inkellimhom fuq il-ħajja Nisranija.

Billi t-tberik qed nagħmlu f'dan iż-żmien tas-sena, jiġifieri meta l-ħidma pastorali tal-Parroċċa għadha fl-aqwa tagħha (u mhux tkun waslet biex tispiċċa bħalma jiġri meta t-tberik isir f'Mejju u Ġunju), jiena qed napprofitta ruħi mit-tberik biex, mhux biss nagħmel talba b'risq il-familja, imma wkoll nitkellem mal-familji fuq il-ħajja tar-ruħ.

Qed inħeġġiġhom biex jieħdu ħsieb li wliedhom żgħar jiffrekwentaw regolarment il-kassijiet tad-duttrina, qed inwassal messaġġ lill-adoloxxenti u ż-żgħażagħ tagħhom biex jattendu għal-laqgħat ta' formazzjoni li jsirulhom, qed nitlobhom biex jagħarfu l-importanza tal-priedki tar-Randan, u qed nieħu l-okkażjoni biex, permezz tax-Xemgħa tal-Kandlora li qed noffri b'rigal lill-familji kollha, inħeġġiġhom biex Iżommu lil Ġesù bħala d-Dawl li għandu jdawwal lil djarhom.

## Iż-Żmien tar-Randan

Wara l-jiem ta' bluha li ħafna minna jħobbu jgħixu fil-Karnival, jibdew l-40 jum tar-Randan Imqaddes. Aħna obbligati li fil-jiem tar-Randan nagħtu *spring-cleaning* lill-ħajja tagħna. Kif?

Billi nfittxu aktar mis-soltu s-smigħ tal-Kelma t'Alla fil-Priedki ta' l-Eżerċizzi. Billi nersqu b'mod aktar serju u ta' sikwit lejn is-Sagrament tal-Qrar. Billi nistikaw biex nakkwistaw ħakma fuqna nfusna permezz tas-sawm, l-astinenza u s-skiet interjuri. Billi niddedikaw almenu 10 minuti kuljum għall-meditazzjoni u t-talb, possibilment quddiem it-tabernaklu. Billi nisimgħu Quddiesa ta' kuljum u, ta' kuljum ukoll, ngħidu r-Rużarju u nagħmlu devozzjonijiet oħra bħalma hi l-Via Sagra. U fuq kollox, billi nieħdu sehem sħiħ fil-Quddiesa tal-Ħadd u fit-talb liturġiku tal-Kant tas-Salmi (l-Għasar) ta' kull nhar ta' Ħadd fl-4.30 p.m.

B'dan il-mod inkunu wkoll qed inħejju ruħna għall-festi ċentenarji Ġorġjani li se jsiru bejn Ħadd il-Għid u t-28 ta' April.

## Sejħa għall-Festi Ċentinarji

Qed jagħmlu ħaġa tajba ħafna dawk il-Ġorġjani li qed japprofittaw ruħhom mill-attivita' pastorali, liturġika u kulturali li qed issir fil-Parroċċa fil-kwadru taċ-ċelebrazzjonijiet ċentinarji.

Il-ħidma pastorali tinkludi ż-żjajjar fil-familji li se jsiru minn diversi saċerdoti tal-Parroċċa tagħna (u li għadhom ma bdewx minħabba l-kampanja politika li għaddejja bħalissa). Tinkludi wkoll il-Quddiesa Votiva ta' San Ġorġ li qed issir kull nhar ta' Ħamis minn saċerdoti minn Parroċċi oħra tal-gżejjer tagħna kif ukoll mill-bosta sigħat ta' adorazzjoni animata minn lajċi impenjati.

Nieħu din l-okkażjoni sabiex, waqt li nħeġġeġ lilkom, il-Parruċċani u l-Ġorġjani kollha tagħna, sabiex tilqgħu l-istediniet li minn mument għall-ieħor qed nagħmlukom, nitlobkom ukoll sabiex toffru s-servizzi tagħkom fl-organizzazzjoni tal-bosta attivitajiet ċentenarji li se jkollna. Dawk li jistgħu joffru l-għajnuna tagħhom u jingħaqdu ma' tant u tant li diġa' qed jaħdmu fl-Uffiċċju Parrokkjali u fi ħdan is-Soċjeta' La Stella, għandhom javviċinaw lili jew lill-President tas-Soċjeta' msemmija, is-Sur Dolindo Cassar.

Ħaġa waħda biss nitlob minnhom: kollaborazzjoni onesta f'dak kollu li nagħmlu, ġenerożita' fil-paċenzja ma' xulxin għax aħna lkoll nistgħu niżbaljaw b'xi kelma jew azzjoni żbaljata, u intenzjoni retta li dak li nagħmlu nkunu qed nagħmluh biss għal San Ġorġ u minħabba San Ġorġ lesti li ninsew kollox.

## Grazzi u Awguri

Nixtieq nirringrazzja minn qiegħ qalbi lil dawk kollha li qed jaħdmu, ta' kuljum, fis-silenzju u fil-moħbi, fil-bosta ħidmiet ordinarji u straordinarji li qed isiru fil-Parroċċa. Dawn il-kollaboraturi li jinkludu tfal, żgħażagħ, adulti u anzjani, huma l-anqas nies li jissemmew imma huma l-aktar prezzjużi fil-preżenza u l-ħidma tagħhom.

Lilhom, u flimkien magħhom lill-benefatturi kollha ta' San Ġorġ, inwiegħduhom it-talb tagħna u nawgurawlhom ħidma iktar sfiqa b'risq il-Knisja. ■

*Mons. Ġużeppi Farrugia*

## IL-PRIMAT TAL-BRAZIL FIL-BAŻILIKA



L-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Geraldo Majela Agnello, Primat tal-Brazil, waqt li kien fuq żjara f'Għawdex bħala l-mistieden tal-Parroċċa tal-Munxar, żar il-Bażilika tagħna u ppresieda Konċelebrazzjoni nhar il-Ħamis 23 ta' Jannar 2003. *Fir-ritratt jidher il-Kardinal waqt l-omelija u mix-xellug għal-lemin jidhru ukoll il-Kappillan tal-Munxar, Mons Arċipriet, Dun Ġorġ Grima u Mons Giuzeppi Aguis.*

# *Ma Ġara Xejn! Ma Ġara Xejn!*

Kull fil-għaxija, qabel mat-tfal jmorru jorqdu, wara talba fil-qosor, Dun Bosco kien ikellimhom għall-ftit minituri biss: xi parir, xi ħsieb meħud minn xi ġrajja tal-ġurnata jew xi rakkont li minnu kien iwasslilhom xi messaġġ siewi.

Dun Bosco kien ikollu quddiemu tfal li kellhom bżonn ta' imħabba, ta' kelma ta' faraġ minn ħabib, u ta' qalb tħabbat flimkien ma' dik tagħhom. Kien jitla' fuq pulptu żgħir biex jaraħ kulħadd, fil-beraħ fl-iljieli tas-sajf, f'dik l-arja friska ta' fil-għaxija, jew inkella fil-ġabra tal-Kappella, fix-xitwa. Kien dejjem, fl-aħħar isellmilhom bil-kliem: "Bouna Notte1", u t-tfal kollha flimkien kienu jwieġbu: "Grazie!", u wara kienu jmorru madwar Dun Bosco biex jieħdu tislima kollha kemm hi personali. U dun Bosco kellu kelma tajba u ta' inkoraġġiment għal kull wieħed, kif ukoll xi ħarsa ta' dispjaċir lejn xi ħadd li ma kienx ġab ruħu sewwa matul il-ġurnata. Iżda Dun Bosco kien jaf li hu kien sinċerament maħbub minn kulħadd.

Waħda minn dawn il-"Good Nights" ta' Dun Bosco hija din:

## Dan mhu xejn, dan mhu xejn!

Kien filgħaxija ta' Diċembru 1858, u Dun Bosco, wara t-talb beda jirrakkonta lit-tfal: " San Filippu Neri, meta kien għadu żgħażugħ, kien soltu jmur ta' spiss il-kunvent tad-Dumnikani, u wieħed mill-patrijiet irrokkontalu dan il-fatt.

Żewġ reliġjużi, qabel ma jmorru jitolbu l-Matutin fil-kor, kienu soltu jqerru għand xulxin. Darba waħda, id-demonju ried jiddieħaq bihom. Għalhekk meta kien sar il-ħin biex iqumu, mar iħabbat il-bieb ta' wieħed minnhom u qallu biex jinżel fil-kappella.

Il-patri ħaseb li kien sieħbu li sejjaħlu u għalhekk niżel u malli wasal fil-kor ra wieħed, li, mix-xeħta, mil-libsa u mill-pass kien kollu kemm hu sieħbu l-patri. Dan daħal fil-konfessjonarju, u l-ieħor resaq biex iqerr kif kien jagħmel is-soltu. Waqt li kien qiegħed isemmi xi ħtijiet u dnubiet, bi stagħġib kbir tiegħu jisma' lill-konfessur jgħidlu: "U dan mhu xejn, dan mhu xejn!"

Meta dan ġieħ dubju li hemm xi ngann, fil-pront radd is-salib, u leħen il-konfessur siket għal kollox. Għamel mistoqsija u ħadd ma wieġeb. Ta ħarsa madwaru, u l-konfessur, jew aħjar ix-xitan, kien għeb għal kollox.

Għeżież uliedi, ftakru li l-kelma li soltu juża x-xitan meta jkun irid iwaqqagħna fil-ħażin hija: "Ħares, dak mhu xejn!"

- *Rigward ċertu tgergir kontra l-proxxnu, fejn wieħed faċilment jonqos mill-karita': "U dak mhu xejn!"
- *Dwar ċerti ħbiberiji perikolużi li l-oħrajn ma jarawhomx tajbin: "U dak mhu xejn!"
- Xi drabi wieħed jieħu l-affarijiet ta' l-oħrajn; jisraq xi ħaġa, u d-demonju jgħidlu: "U dak mhu xejn!:"
- Rigward id-diżubbidjenzi u nuqqasijiet oħra: "U dak mhu xejn!"
- Minn xi daqqiet jiġu ċerti dubji gravi, ċerti għemejjel u ħsibijiet li wieħed jistħi jqerrhom: "U dak mhu xejn!"



## Nuqqas huwa dejjem nuqqas

Jien ma ngħidilkomx illi tqisu bħala gravi n-nuqqasijiet żgħar, iżda ngħidilkom toqogħdu attenti biex ma tagħtux kas tax-xitan, meta jgħdilkom- "dak mhu xejn". Nuqqas huwa dejjem nuqqas, u għalhekk jeħtieġ li wieħed jikkoreġih. Wara kollox tinsewx li min jiddisprezza l-ħwejjeġ iż-żgħar, bil-mod il-mod jiġġarraf!

Fi żminijietna wkoll, il-kultura ta' "xejn mhu xejn" qed tirvina ħafna ħajjiet ta' żgħażagħ. Xi dawgħa, ħabib ħażin, diskors doppju sens, l-għażż, stampa ħażina, spettakli mmorali, programmi tat-TV, droga——— "U dak mhu xejn!"

Imbagħad illum, traġedji jirrepetu ruħhom kull ġurnata, il-faqar spiritwali jsir ukoll miżerja spiritwali, jiġġarfu l-valuri tal-ħajja, jikber dejjem in-numru ta' żgħażagħ bla kwiet. U kemm dmugħ jixxerred meta jkun tard wisq!

*"Ħajja Salesjana" Jannar-Frar 2003*

# INAWGURATA S-SENA ĊENTENARJA ĠORĠJANA

*Kitba ta' NATHANIEL ATTARD fil-ġurnal "Il-Mument" - 26/01/03)*



Din is-sena hi sena speċjali mhux biss għal Għawdex iżda għall-gżejjer Maltin kollha għax jaħbat l-1700 sena mill-martirju tal-qaddis martri San Ġorġ. Minbarra li hu l-qaddis meqjum fil-belt ta' Ħal Qormi, San Ġorġ huwa wkoll il-patrun tal-belt kapitali Għawdxija, il-Belt Victoria, u tal-gżira kollha ta' Għawdex. Għalhekk ma jistax jonqos li din is-sena tkun waħda mimlija b'attivitajiet speċjali f'Għawdex biex ifakkru dan iċ-ċentinarju.

San Ġorġ, li huwa wieħed mill-akbar qaddisin tal-Knisja, ħa l-martirju fis-sena 303 wara Kristu, u l-kult lejh fil-gżejjer tagħna aktarx li beda fis-seklu 6, l-istess żmien li fih il-qima u l-kult ta' dan il-qaddis martri xterdu ma' l-artijiet kollha tal-Mediterran. Minbarra ż-żewġ knejjes parrokkjali dedikati lil San Ġorġ, dik ta' Ħal Qormi, u l-Bażilika dedikata lilu fir-Rabat Għawdex, f'pajjiżna għandna għadd kbir ta' kappelli mxerrdin ma' Malta u Għawdex li fi żminijiet differenti kienu dedikati lilu, inkluż uħud li llum m'għadhomx jeżistu, għax inqerdu mas-snin.

Il-festi kbar li se jsiru fir-Rabat Għawdex biex ifakkru dan is-17-il ċentinarju tħabbru waqt konċelebrazzjoni solenni li saret fil-Bażilika ta' San Ġorġ fil-Belt Victoria, fl-ewwel Ħadd tas-sena l-ġdida. Konċelebrazzjoni li matulha kienet inawgurata uffiċċjalment din is-sena ċentinarja.

Is-sena ċentinarja 2003 fetħet bid-daqq tal-qniepen tal-Bażilika li daqqew kollha mat-tokki ta' nofs il-lejl tas-sena l-ġdida, wara li kienet saret velja ta' talb fil-Bażilika organizzata mis-seminaristi tal-parroċċa.

L-għada fil-għodu, waqt il-konċelebrazzjoni pontifikali ta' l-ewwel tas-sena, Mons Isqof ta' Għawdex Nikol Ġ. Cauchi ħabbar is-sena ċentinarja u tkellem dwar is-sinjifikat tagħha. Hu awgura li l-festi titulari jkunu ċelebrati bl-akbar dinjità, u skond ir-regolamernti tad-djoċesi.

Il-Konċelebrazzjoni ta' l-Epifanija, imbagħad, tmexxiet mill-Arċipriet Mons Ġużeppi Farrugia, li ta tagħrif dwar is-sena ċentinarja. Il-Festi din id-darba se jkunu speċjali u għalhekk se jestendu minn Jannar 2003 sa April 2004. Dan il-perijodu ser jinqasam fi tliet żminijiet ta' ħidma pastorali, ċelebrazzjonijiet festivi u attivitajiet ta' spostolat u kultura li se jinkludu festivals, pibblikazzjonijiet u wirjiet. Waqt li l-festa ta' San Ġorġ fis-Sajf issir kull tielet Ħadd ta' Lulju, il-festa liturġika propja ta' San Ġorġ taħbat fit 23 ta' April.

Fil-Konċelebrazzjoni ħa sehem il-Kapitlu tal-Kolleġġjata, il-Kleru u s-Seminaristi, u l-gruppi kollha tal-Parroċċa. Il-kongregazzjoni li attendiet tmexxiet mill-Ispeaker tal-Parlament u kienet tinkludi lis-Sindku tal-Belt Victoria, deputati, Kunsilliera, il-President u l-membri tas-Soċjetà Filarmonika La Stella u l-Viċi-President tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali li qara tislima lil San Ġorġ f'isem il-lajċi tal-Parroċċa.

Il-liturġija kienet animata bil-kant sagru mill-kor tal-Bażilika Laudate Pueri u bis-sehem tal-Coro Santa Cecilia ta' Torre del Greco, f'Napli, li kien għal żjara f'Għawdex.

Għall-inawgurazzjoni tas-sena ċentinarja, il-kwadru titulari ta' San Ġorġ, xogħol Mattia Preti, Iżżejjen b'girlanda tal-ward u l-istatwa ta' San Ġorġ b'lampieri tal-fidda. Kienet esposta wkoll ir-relikwija tal-qaddis regalata xi snin ilu mill-Bażilika ta' San Giorgio al Velabro ta' Ruma. Dawn ser jibqgħu matul is-sena kollha.

Ta' min jgħid li mitt sena ilu, fl-1903 ukoll kienu saru festi ċentinarji kbar f'Għawdex, u dawn kienu tmexxew mill-Isqof t'Għawdex ta' dakinhar Mons Giovanni Maria Camilleri.Għal dik l-okkażjoni l-istatwa artistika ta' San Ġorġ imnaqqxa fl-injam mill-iskultur Pietru Pawl Azzopardi tal-Belt Valletta kienet restawrata mill-artist Giuseppe Calì' b'kollaborazzjoni ma' Mons Giuseppe Farrugia, magħruf bħala 'Tal-Vers', li kien Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi Għawdxija.

## IL-MATURITÀ *Kif nistgħu nuru li aħna maturi?*

Li ġġarrab azzjoni ħażina bla ma tpattiha.
Li jkollok flus fil-but u ma tonfoqhomx kollha.
Li tagħmel dmirek anke meta m'hemm ħadd jarak.
Li ttemm ix-xogħol li bdejt minkejja kull tfixkil.
Li taċċetta l-kritika bla ma tħalliha toqtollok l-inizjattiva.
Li tagħmel dak li hu tajjeb anke jekk mhux popolari.
Li lest taqdef kontra l-kurrent biex tilħaq l-ideali tiegħek.
Li ma tagħmilx it-tajjeb għax tistenna prosit.
Li tgħix ir-Reliġjon b'konvinzjoni u mhux minħabba n-nies.
Li ma tgħid xejn qabel tkun taf li hu utli, bżonjuż u veru.
Li tgħin għax tara 'l Kristu fl-oħrajn u mhux biex huma jgħinu lilek.

## ALLA WAĦDU

- Alla waħdu jista' jagħtina l-fidi, iżda aħna nistgħu nagħtu xhieda Tiegħu.
- Alla waħdu jista' jagħtina t-tama, iżda aħna nistgħu nagħtu l-fiduċja f'xulxin.
- Alla waħdu hu kollu mħabba, iżda aħna nistgħu nitgħallmu nagħmlu ħafna għemejjel ta' mħabba ma' xulxin.
- Alla biss jista' jagħtina l-paċi tant mistieqa, iżda kull wieħed minnha jista' jaħdem għall-għaqda fost il-bnedmin.
- Alla waħdu jista' jagħti l-qawwa, imma aħna nistgħu nagħmlu kuraġġ lil min hu dgħajjef.
- Alla waħdu huwa t-triq, imma aħna nistgħu nuruha lill-oħrajn.
- Alla waħdu huwa d-dawl, imma aħna nistgħu lil min hu fid-dlam ifittex d-dawl.
- Alla waħdu huwa l-Ħajja, imma aħna nistgħu nuru lill-oħrajn kemm hija sabiħa l-ħajja.
- Alla waħdu jista' jagħmel l-impossibbli, imma aħna nistgħu nagħmlu dak kollu possibbli għall-ġid tagħna u ta' ħutna l-bnedmin kollha.

Alla waħdu jista' jagħmel kollox Hu, imma Huwa tant fdana u ħallielna ħafna affarijiet f'idejna. Nagħmlu dak kollu li nistgħu u nagħmlu mill-aħjar li nistgħu biex nagħmluh sew.

## UFF! Ma Nistax Norqod!

Qatt ġralek li tistembaħ f'nofs ta' lejl, tħares lejn l-arloġġ u ssib li għadhom xi s-siegħa u nofs ta' fil-għodu? Imbagħad ittajjar in-ngħas u ma tkunx tista' torqod iżjed? Meta xi darba jiġrilek hekk, ftakar f'dan il-parir li jaf jikkalmak.

Flok toqgħod tgerger u tirrabja għax ma tistax torqod, ieqaf ftit u erfa' moħħok lejn Alla biex titkellem miegħu fil-ħemda tal-lejl. Aħseb daqsxejn: l-arloġġ jurik li l-lejl wasal f'nofsu. Dan ifisser li ġurnata oħra għaddiet minn fuqek. Erfa' moħħok lejn il-Ħallieq u lissen "Grazzi" ta' l-għajnuna kollha li jkun tak matul il-jum li għadu kif spiċċa. Ftakar ukoll li għadu kif beda jum ġdid.

Nofs il-lejl mhux biss itemm ġurnata, iżda wkoll jagħti bidu għall-ġurnata ġdida. F'intimita' ma' Alla, itolbu jagħtik l-għajnuna tiegħu matul il-ġurnata li se jisilfek. Permezz ta' din it-taħdita mal-Mulej, fil-paċi u s-skiet tal-lejl, jerġa' jersaq lejk in-ngħas. U meta tistembaħ, tkun lest, bíex bil-għajnuna t'Alla, tkompli ġurnata oħra f'ħajtek.

## GĦADA

- Għax **għada** ħadd ma raħ, irrid inkun tajjeb illum!
- Għax **għada** ħadd ma raħ, dak li nista' nagħmel illum, ma nħallihx għal għada!
- Għax **għada** ħadd ma raħ, problema nsolviha llum, u ma nħallihiex tibqa' tkarkar sa għada!
- Għax **għada** ħadd ma raħ, il-familja, it-tfal irrid ingawdihom llum u nħobbhom illum!
- Għax **għada** ħadd ma raħ, saħħti u ruħi nieħu ħsiebhom illum!
- It-tjubija tal-lum, issir il-ferħ ta' għada.
- Is-sagrifiċċju tal-lum isir is-saħħa ta' għada.
- Ix-xogħol tal-lum isir il-ħajja ta' għada.
- It-tfal imrobbija tajjeb illum ikunu l-konsolazzjoni ta' għada.

Tinsiex!— — —Għada taħsad il-frott taż-żerriegħa li żrajt illum!

### IL-MISSIER hu dak li...

- hu dejjem lest jagħmel dak kollu possibbli għall-ġid tal-familja;
- jiddedika ħafna ħin ma wliedu;
- għandu ħafna, ħafna paċenzja u ma jitlgħalux malajr;
- ma jkunx tip ta' bniedem "kollox kif jgħid hu",
- is-sagrifiċċju jkun parti sostanzjali minn ħajtu;
- jagħraf jgħożż il-ħwejjeġ b'valuri ogħla mill-qliegħ żejjed tal-flus;
- jagħti eżempju tajjeb f'kull ma jagħmel;
- ma jagħmilx preferenzi ma ħadd minn uliedu;
- jibqa' jżomm il-wegħda li għamel f'Jum it-Tieġ meta sqarr li: "lest jilqa' mingħand Alla l-ulied li jogħġbu jibgħatlu u jrabbihom skond il-liġi ta' Kristu u tal-Knisja tiegħu";
- jkun konxju tar-responsabilità kbira li Alla fdalu f'idejh u fl-istess ħin jagħraf il-fatt li hu rigal tal-Mulej li tkun "Missier".
- jkun kapaċi jħobb 'l uliedu kemm jista' jkun bl-istess mod li jħobb Alla l-Missier.

# Rokna għat-Tfal



*Għeżież tfal,*

*Kif intom! Nispera li intom tajbin. Kif jitgerbeb iż-żmien! Il-Karnival wara l-bieb. Żgur li hija okkażjoni li tkun mistennija minn ħafna minnkom. Wara kollox x'hemm ħażin li wieħed jiddeverti (jitbellah!) ftit wara l-eżamijiet ta' nofs is-sena! Naturalment għandkom tagħtu mportanza xierqa lil dawn l-eżamijiet, għax iservu ta' termometru li jurikom il-progress li qegħdin tagħmlu. Importanti li ma tittraskurawx, għax malajr ifeġġu l-jiem ta' l-eżamijiet ta' Ġunju, b'mod speċjali dawk ta' l-"entrance" fil-Junior Lyceum. L-istudenti l-kbar tas-Sekondarji jkollhom ukoll l-"O" Levels, u dawn fihom għadma iebsa mhux ħażin x'wieħed igerrem! Imma jiena ċert li qed nitkellem ma' tfal u żgħażagħ maturi li dejjem lesti biex jisimgħu minn min hu akbar minnhom. Ma' dan kollu, ikollkom ukoll laqgħat oħra ta' formazzjoni li wkoll iħallu ħafna frott.*

*Ma nistax nitkellem magħkom u ma nfakkarkomx li ninsabu f'sena mportanti ħafna għalina li nħobbu ħafna lil San Ġorġ. Din hija "Sena Ċentinarja". Fit-23 ta' April li ġej id-dinja Kattolika kollha ser tfakkar is-sbatax-il mitt sena mill-martirju glorjuż tal-Megalomartri San Ġorġ li ħalla ħajtu għal Kristu u llum jinsab il-Ġenna mnejn kontinwament jieħu ħsiebna. Il-Parroċċa tagħna u s-Soċjeta' Filarmonika La Stella ilhom li ħejjew programm biex ifakkru dan l-avveniment hekk importanti. Kos, kemm aħna xortina tajba li nzertajna ngħixu f'dan iż-żmien! Oqgħodu attenti għall-avviżi li issa jibdew ħerġin kemm mill-knisja kif ukoll mill-każin biex ma titilfu xejn minn dak li qed jitħejja. Naħseb li diġa ttendejtu li l-quddiesa tas-6.00pm ta' kull nhar ta' Ħamis qed tkun waħda speċjali li mhux ta' min jitlifha. L-Arċipriet qed jieħu ħsieb iġib ta' kull darba saċerdot minn barra l-parroċċa biex jagħtina messaġġ waqt li jqaddes. Jien żgur li intom indunajtu wkoll li mal-kwadru titulari tqiegħed qisu fritt biex iżejjen din il-pittura unika ta' San Ġorġ, xogħol il-pittur Kalabriż il-Kav. Mattia Preti. Dawn il-ġranet ħarġet ukoll is-sitt ħarġa tar-rivista San Ġorġ li bħas-soltu fiha ħafna nformazzjoni dwar dan il-qaddis tal-Kappadoċja. Biex tħobb lil xi ħadd tassew, importanti li tkun taf ħafna dwaru.*

*Għalhekk għeżież tfal, inħeġġiġkom biex taqraw ħafna dwar San Ġorġ u titolbuh bil-ħerqa fil-bżonnijiet kollha tagħkom.*

*U issa, ngħaddu bħas-soltu għall-kompetizzjoni li tista' trebbaħkom ktieb bil-Malti ġentilment mogħti mill-Klabb Kotba Matin (Tel: 2155 1325) li jitla' bix-xorti fost dawk li jwieġbu tajjeb. Żmien għandkom sa nhar il-Ġimgħa 14 ta' Marzu 2003. Ibgħatu t-tweġibiet tagħkom f'dan l-indirizz:* ***L-Editur, "Il-Belt Victoria", Uffiċċju Parrokkjali, Bażilika San Ġorġ, Victoria, Għawdex.***

## Mistoqsijiet:

F'liema ġurnata u f'liema xahar jaħbtu dawn il-festi li ġejjin? (Eżempju: Il-Milied, fil-25 ta' Diċembru.)

a) San Ġużepp
b) Santa Marija
c) Santa Luċija
d) San Franġisk de Sales
e) Sant' Antnin
f) Il-Bambina
g) San Pietru u San Pawl
h) San Franġisk t'Assisi
i) San Mikiel
j) Il-Kunċizzjoni

Ir-rebbieħa tal-Kompetizzjoni tal-ħarġa li għaddiet kienet: *Anna Saliba, Conception Hse., Pompei Str., Victoria.*

## Il-Papa jħeġġiġna ngħidu r-Rużarju



**Fit-tħabrik tiegħu għat-Talba tar-Rużarju mill-Insara kollha tad-dinja, il-Papa Ġwanni Pawlu II, nhar is-16 ta' Ottubru, 2002, ippublikka Ittra Apostolika bl-isem: *"Rosarium Virginis Mariae"* (ir-Rużarju tal-Verġni Marija). Din id-data - 16 ta' Ottubru - taħbat fil-bidu tal-25 sena tal-Pontifikat tiegħu. Il-Papa ddedika mis-16 ta' Ottubru 2002 sas-16 ta' Ottubru, 2003 bħala s-"Sena tar-Rużarju".**

**Isma' Leħen il-Parroċċa fuq Radju "LEĦEN IL-BELT VICTORIA" 104 *FM Stereo***

## PARIR LILL-IRĠIEL

Kun fidil lejn martek
u agħti mħabbtek lilha biss..
Kun ferħan b'martek
u ssib l-hena tiegħek mat-tfajla
li żżewwiġt
Ħalli s-seħer tagħha jħennik,
ħalliha ddawrek b'imħabbitha.

Ix-xufftejn tal-mara ta' ħaddieħor
jistgħu jkunu ħelwin daqs l-għasel
u l-bews tagħha ħelu daqs żejt
taż-żebbuġa,
imma meta jgħaddi kollox,
ma jħallix ħlief qrusa w uġigħ.

*(Mill-Ktieb tal-Proverbji)*

# X'toffrilek il-Parroċċa tiegħek



## ĦINIJIET TAL-FTUĦ:

***Bażilika***

| | |
|---|---|
| Ħdud u Festi: | 4.45am-1.00pm |
| | 2.30pm-8.00pm |
| Matul il-Ġimgħa: | 4.45am-12.30pm |
| | 2.00pm-7.30pm |

***Uffiċċju Parrokkjali***

| | |
|---|---|
| Matul il-Ġimgħa: | 7.00am-12.00pm |
| | 3.00pm-7.00pm |

## QUDDIES

***Ħdud u Festi:***

***Fil-Bażilika:*** 5.00am, 6.00am, 7.00am, 8.00am, 9.00am (Konv.), 10.00am,11.00am, 12.00pm, 5.00pm, 6.00pm, 7.00pm.

***Fiċ-Ċentru għat-Tfal:*** 9.00am

***Matul il-Ġimgħa:***

***Fil-Bażilika:*** 5.15am, 6.00am, 6.30am, 7.00am, 7.30am, 8.15am, 9.00am, 10.00am, 11.00am,12.00pm, 5.00pm, 6.00pm, 7.00pm.

***Fl-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar:***

ukoll fis-1.00pm, 2.00pm, 3.00pm, 4.00pm

## QRAR

***Fil-Bażilika:***

| | |
|---|---|
| Matul il-Ġimgħa: | 7.00am-10.00am |
| | 4.30pm-6.00pm |

***Fis-Sagrestija:***

| | |
|---|---|
| Ħdud u Festi: | 4.45am-12.30pm |
| | 4.00pm-7.30pm |
| Matul il-Ġimgħa: | 4.45am-12.30pm |
| | 3.30pm-7.30pm |

## ADORAZZJONI

***Adorazzjoni Privata***

(Fil-Kappella tas-Ss. Sagrament): Kuljum fil-ħinijiet kollha li fihom tkun miftuħa l-Bażilika.

***Adorazzjoni Komunitarja***

Matul il-Ġimgħa: 6.00pm-7.00pm (Tinkludi Quddiesa bl-omelija, Talb, Rużarju u Barka Ewkaristika)

***Adorazzjoni Solenni:***

Il-Jum kollu mid-9.00am sas-7.00pm:
L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar
L-Ewwel Sibt tax-Xahar
Festa tal-Madonna ta' Lourdes
Solennita' tal-Qalb ta' Ġesù
L-aħħar tas-Sena

## RUŻARJU KOMUNITARJU

*Matul il-Ġimgħa:*
Kuljum wara l-Quddiesa tas-6.00pm
*L-Erbgħa u l-Ġimgħa:*
Fil-Kappella tas-Sagrament fit-3.00pm

## LAQGĦAT TA' FORMAZZJONI U TALB

***Koppji Għarajjes:***
It-Tieni Sibt tax-Xahar: 7.00pm
(Mons Anton Borg: 2155 1063)

***Koppji Miżżewġin Żgħażagħ:***
It-Tielet Sibt tax-Xahar: 7.00pm
(Dun Ġorġ J. Frendo: 2155 1849)

***Grupp tal-Bibbja:***
Kull nhar ta' Ġimgħa: 6.30pm
(Dun Joseph Mercieca: 2155 3351)

***Tfal Tal-Griżma:***
Kull tieni Tnejn tax-Xahar: 4.30pm
(Dun Joseph Mercieca: 2155 3351)

***Tfal ta' l-Ewwel Tqarbina:***
Kull tieni Tlieta tax-Xahar: 4.30pm
(Dun Manwel Buttigieg: 2156 0492)

## UFFIĊĊJU PARROKKJALI

*Contact Person:*
Kan. Feliċ Tabone
Tel: 2155 6377

*Helpdesk:*
Ms. Josette Vassallo
Tel: 2155 6377

*P.R.O.:*
Mr. David Camilleri
Tel: 2155 4001

*Festi Ċentinarji:*
Mr. Michael Formosa
Tel: 2155 4158

## KUNSILL PASTORALI PARROKKJALI

*Viċi-President:*
Mr. Antoine Vassallo
Tel: 2155 3944

*Segretarja:*
Ms. Louise Camilleri
Tel: 2155 6581

A&M Printing Ltd - Qala - 2155 3217